MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2006

Numru 760/2006

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Cordina)

vs

James Mamo

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat James Mamo detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 386187M, akkuzat talli fl-14 ta’ Lulju 2006, gewwa Bieb il-Belt Floriana, minghajr awtorita’ legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli, xtara jew ircieva minghand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu, biljetti tal-flus falsifikati li kien jaf li l-istess biljetti tal-flus kienu falsifikati.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni f’din l-ewwel udjenza f’liema ammissjoni huwa ippersista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat b’pussess ta’ flus falsifikati li kien jaf li kienu foloz. Dawn il-karti ta’ flus kienu fin-numru ta’ tnejn ta’ denominazzjoni ta’ Lm10 il-wiehed.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti.

Rat l-Artikolu 46 tal-Kap 204 u tiddeciedi fuq l-ammissjoni tal-imputat li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal sentejn mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Rat l-Artikolu 49A(3) tal-imsemmi Kap 204 u tordna li l-biljetti tal-flus meritu dawn il-proceduri jghaddu lill-Bank Centrali sabiex jiddisponi minnhom kif hekk jidhirlu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------